# "Il-Lazzarett fil-Gżira Manoel."

Joseph Sant



Kif il-gżirjani kollha jafu l-Gżira Manoel hi parti ntrinsika mill-Gżira u fuqha hemm il-Forti Manoel u tħares lejn il-Belt hemm dik il-binja kbira hekk imsejħa l-Lazzarett fejn kull min kien jidħol Malta fi żmien il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Gwann kien ikollu jqatta' l-kwarantina sa ma jaraw jekk miegħu daħħalx xi mard infettiv li sata' jmarrad lil poplu ta' dawn il-Gżejjer. Dal-Lazzarett illum jinsab mitluq għal rieħu u hi tal-mistħija kif ħadd qatt ma nteressa ruħu jirrestawra post hekk ta' mportanza storika u medika f'pajjiżna.

Bħala Gżirjani għandna nħossuna xxurtjati li post hekk t'importanza jifforma parti mill-Gżira u għandna ninteressaw ruħna fiħ u mhux naddottaw il-mentalità ta' x' jimpurtani! Kif kulħadd jaf il-Gżira msemmija għal Gżira ta' Manoel (jew Manoel Island) u kull ma' jagħmel parti min din il Ġzira għandu jinteressana qatigħ u mhux lilna l-Gżirjani biss imma lil Maltin u l-Għawdxin kollha, imma lilna l-Gżirjani partikolari.

Hawn ser nagħti ftit dettalji fil-qosor ta' dal-post magħruf bħala l-Lazzarett u nissuġġerixxi li kull Gżirjan jinteressa ruħu u jħossu kburi li dal-post jagħmel parti mill-Gżira. Il-Lazzarett jissejjaħ hekk għal dan San Lazzru li kien marid bil-pesta u kien jieħu ħsieb l-impestati. Il-Lazzarett kien jeżisti mhux biss f'Malta imma f'diversi pajjiżi madwar l-Ewropa. Il-viżitaturi li jiġu Malta kienu jagħmlu kwarantina u dan kien ikun perjodu ta' erbgħin jum maqfulin fil-Lazzarett sa ma jaraw li ma kienux morda u Alla ħares qatt imarrdu lill-poplu Malti u Għawdxi b'xi marda kerha bħall pesta jew kolera.

Fl-epidemija tal-pesta tal-1592-1593, lazzarett temporanju ġie mwaqqaf fuq il-Gżira tal-Isqof ġol port ta' Marsamxett mill-Granmastru Verdala. Meta fl-1726 il-Granmastru de Vilhena waqqaf il-Fortizza Manoel maġenb il-Lazzarett. Il-gżira bdiet tissejjaħ il-Gżira Manoel għaliħ u għada tissejjaħ hekk sal-lum. Dan kien sar bi bdil ta' art bejn il-Knisja u l-Ordni tal-Kavallieri. Il-Lazzarett permanenti nbena fl-1643 taħt il-Granmastru Lascaris. Tajjeb tkunu tafu li l- persuni mportanti kienu jpoġġuhom f'postijiet oħra. Pereżempju meta l-Ambaxxatur tat-Turkija żar Malta f'April fl-1669 alloġġjawħ fil-Villa Sarria fil-Floriana. Ambaxxatur ieħor Ingliż għal Kostantinopoli li ġie Malta fl-1686 ukoll poġġewħ f'dil-Villa iżda miet ftit jiem wara, waqt din il-kwarantina. Jiġifieri qed naraw kif l-elit ma kinux ipoġġuhom fil-Lazzarett ta' Manoel Island.

Wara l-Epidemija tal-pesta tal-1675-1676 il-Lazzarett kien irranġat għall-aħjar minn diversi Granmastri bħal Cottoner u Caraffa u de Vilhena. Per.eż. inbnew imħażen fejn kienu jqegħdu l-merkanzija li kienet suġġetta wkoll għall-liġijiet tal-kwarantina bħan-nies. Meta Ingliż ieħor żar il-Lazzarett, fuq dawra li kien qed jagħmel mal-lazzaretti madwar l-Ewropa fl-1785, kiteb li l-Lazzarett ta' Malta kellu sittax il-kamra mqassmin fuq żewġ sulari.



It-tmien appartamenti t'isfel kienu jagħtu għall-gallarija fuq il-baħar. Kien hemm ukoll tlett ibtieħi, tnejn għall-vjaġġaturi li jidħlu Malta bil-baħar u l-merkanzija tagħhom u bitħa oħra għall-merħliet ta' baqar impurtati mill-kosta tal-Barberija. Kien hemm ukoll post fejn jidfnu u post fejn jinħarqu l-iġsma ta' dawk li jkunu jmutu bil-pesta.

Id-dmirijiet tal-Gwardjani tas-Saħħa u tal-'Profumatur' kienu kkunsidrati tant importanti li kienu regolati mill-kodiċi legali tal-Granmastru de Rohan għax fuq il-Lazzarett ta' Malta kienu jiddependu mhux biss saħħet il-poplu Malti u l-Kavallieri biss, iżda anke dik tal-Italja u stati oħra Kristjani fil qrib.

Il-Gwardjani tas-Saħħa u l-'Profumatur' kienu jintagħażlu mill-Granmastru nniffsu u jieħdu ġurament solenni li jaqdu d-dmirijiet tagħhom bl-akbar attenzjoni, reqqa u fedelta'. Kienu responsabbli ukoll mill-ipprofumar tal-vjaġġaturi fil-bidu tal-kwarantina kif ukoll jumejn qabel ma tispiċċa l-kwarantina. Kienu responsabbli mill-valiġġi, kaxxi u kollox tal-vjaġġaturi u kellhom ifittxu anke għall-affarijiet li setgħu kienu moħbija u kellhom ifittxu anke għall-affarijiet li setgħu kienu moħbija minn għajnejhom. L-impjegati għassa mal-merkanzija setgħu jaqalgħu pieni anke ta' għaxar snin jaqdfu fuq ix-xwieni tal-Ordni jekk ma jwettqux dmirhom sew.

Min jaħrab mill-Lazzarett jew joħroġ merkanzija bla permess sata' jiġi kkastigat bi swat u saħansitra bil-mewt, jiddependi mill-gravita' tal-każ. Il-mewt setgħat tingħata anke lil dawk li jikkumerċjaw max-xwini fil-kwarantina.

Tant hu hekk li meta fl-1700 tmienja min-nies ħarbu mill-Lazzarett inħareġ digriet li jekk jinqabad xi ħadd igħinhom jew jaħbihom, jeħel tlett snin qdif fuq galera, jekk raġel, u eżilju minn Malta għal sitt snin, jekk mara. L-istess kien jiġri għal min kien jaf fejn qegħdin u ma jitkellimx. Dawn l-affarijiet kienu meqjusa ta' l-akbar serjeta' u mportanza.

*Dan it-tagħrif ġie meħud mill-ktieb " A Medical History of Malta" by Paul Cassar pages 299-303: London: Welcome Historical Medical Library.*





